*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 25 – 17 ta' Diċembru 2025**

***Minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-17 ta' Diċembru 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 25. Il-laqgħa bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

25.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li

- Li twehhlu arbli ġodda fil-ġnien ta' quddiem il-Peridot Hall
- Ir-rubber bil-kulur issa huwa lest.
- Tlestew ħames culverts ġodda – fi Triq il-Kurkanta, Misraħ Ħal Dwien, Triq l-Infetti, Triq Frans Sammut, u Triq Ħal Mula
- Sar eżerċizzju biex jitneħħew linji żejda li saru waqt ir-reinstatement fejn saru x-xogħlijiet mill-Enemalta
- Intbagħtet il-proposta tat-traffic management taz-zona tad-Dawl. Il-perit intalab jibgħat risposta bil-miktub għax qed jkun propost minn TM li Triq Vassalli u Triq il-Ħofra ikunu exits filwaqt li Triq Dun Karm Psaila lejn il-Peridot hall tkun dħul biss. Xejn minn dawn ma ġew aċċettati mill-Kunsill u mill-Perit li ħadem fuq il-proposta.
- Gal Majjistral ser jintalab isir meeting magħhom dwar tranġar ta' digi tal-ilma f'Wied Qirda u Wied Baqqiegħa.
- Il-pajsaġġ pedonali li jinsab taħt il-pont f'Wied Qirda intalab li jsir minn Project Green.
- Dwar Żerniq bir-Rota, is-Sindku nforma li nġab sponsor minn TM li ser ikunu partners f'din l-attivita. L-uffiċjali għal waqt l-attivita ser jingħataw b'xejn filwaqt li ser tingħata donation ta' Eur5,000.

25.2 Milied 2025

Dwar l-attivitajiet tal-Milied s'issa kien hemm feedback tajba ħafna. Mill-ħwienet inġabru l-flus (madwar Eur4000) u mill-JMV Vibroblocks inġabru Eur20,000 b'kollox attribwiti ghas-snin 2024 u 2025. Ser isir poster b'ringrazzjament.

Għall-parties inkitbu 60 tifel u 80 anzjan.

25.3 Zona Għarram – Laqgħat mar-Residenti

Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li ser jintalbu 5 kaxxi għat-timed parking f'kull triq li tagħmel parti minn Għarram. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

25.4 Heavy Vehicles

Sar hafna ammeljorament fir-rigward tal-heavy vehicles kemm ilhom li twaħħlu t-tabelli f'Ħal Mula. Ġie nnuttat li naqsu ħafna dawn il-vetturi.

25.5 Traffic Management fiz-zona tal-Kandlora

Jgħaddu ħafna trakkijiet għall-barrieri minn Triq Giovanni Pullicino għal Triq tar-Remel u għaldaqstant jeħtieġ li jsir xi ħaġa dwar dan.

Dan l-item ser jiġi diskuss b'aktar dettall f'laqgħat oħra.

25.6 Vot tal-Flus

Wara din id-diskussjoni, , mill-Viċi-Sindku Joseph Agius ippropona li l-vot ikun approvat. Hu ġie sekondat mill-Kunsillier Mario Attard. Kien hemm qbil unanimu.

25.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:55pm.

**Steve Zammit Lupi**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

,